MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 338/2014

**Rikors Numru 338/14 FDP**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv**

**Nru 2095/14 GV**

**Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi**

**vs**

**Bitmac Limited (C-249)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta Bitmac Limited fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Ottubru 2014 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex thassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet 'Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi vs Bitmac Limited, Mandat Nru 2095/14 GV, peress illi l-Awtorita' ibbazat il-hrug ta' tali Mandat fuq ittra ufficjali datat 23 ta' Lulju 2014 li ma tat ebda decizjoni motivata izda kienet biex ittra li stiednet lis-socjeta rikorrenti sabeix taghmel is-sottomissjoniet taghha fuq akkuzi migjuba kontriha mill-istess Awtorita. Liema ittra ufficjali hija issa soggetta ghall-proceduri ta' Appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' ippresentata fil 21 ta' Ottubru 2014 fejn dina sahqet illi hiaj mxiet skrupolozament mal-procedura dettata mill-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talba ghat-thassir tal-Mandat kellu jigi michud.

Rat illi l-partijiet qablu fis-seduta tas 6 ta' Novembru 2014, illi l-Ittra Ufficjali illi wasslet ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv odjern huwa soggett ghall-proceduri ta' appell quddiem it-tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, Kaz nru 79/2014 GC.

Tosserva illi, ghalhekk, l-Ittra Ufficjali li wasslet ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv huwa soggett ghal-appell u ghalhekk ma jistax jitqies bhala finali sabiex jinhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv meritu tal-kawza odjerna.

Tosserva illi messha kienet l-istess Awtorita intimata illi qabbdet u irtirat l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv stante illi kellu jirrizultalha bl-aktar mod car illi l-effetti tal-Ittra Ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014 ma kienux finali u ghalhekk il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv inhareg inkorrettement.

Tosserva illi l-Awtorita' intimata kienet gia harget kontro mandat "*limitatament fil-konfront ta'…. kull sekwestratarju salv il-Bank of Valletta plc, stante illi dan il-Bank iddeposita l-ammont miltub mis-sekwestrant*", kontro mandat Nru 2176/14

Tenut kont ta' dawna l-fatti kollha, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-vertenza odjerna billi **tiddikjara** l-hrug u konsegwenzti ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 2095/14GV bhala null u intempestiv stante illi huwa soggett ghall-irkutinju tat-tribunal ta' Revizjoni Amminstrattiva u ghalhekk **thassar** l-effetti kollha tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 2095/14GV u **tordna** li jinhareg Kontro Mandat relattiv.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll dawk tal-Kontro Mandat li jenhtieg jinhareg wara l-proceduri odjerni kollha ikunu a karigu ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------